<u>**Maltese Language Translation of the**</u>
<u>**Consecration Prayer to the Divine Heart of God the Father**</u>




Il-Qalb Divina t'Alla l-Missier Tħaddan il-Qlub Kollha
Imħabba Infinita

Missier li Inti fis-Smewwiet, għajn tal-Ħajja, l-Imħabba u l-Ferħ Etern. Inti tajtna r-rigal prezzjuż tal-ħajja nfisha. NitolbuK bil-ħniena, Missier li Inti fis-Smewwiet, tħallina qatt nieħdu dan ir-rigal bħala dritt tagħna. Aktar minn hekk, Inti sejjaħtilna għall-qdusija. Sejjaħtilna biex nieħdu sehem fil-ħajja tal-Familja Divina TiegħeK bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu. Aħna nitolbuK li, fil-Benefiċenza TiegħeK, tagħtina l-grazzji kollha meħtieġa biex ngħixu skont ir-Rieda Divina TiegħeK u noffruleK f'kull

ħin u f'kull mument, il-milja tal-gratitudni tagħna, il-qima tagħna, ir-radd il-ħajr u s-suppliki tagħna. Aħna nikkonsagraw rwieħna formalment LileK bħala wlied ħaljin li qed nirritornaw għand il-Missier Li jħobbna. Aċċettana, poġġi dijadema rjali fuq subgħajna. Libbisna lbies irjali vjola u ħejjijna għall-festa, għall-pranzu, li Inti ħejjejt għall-ulied fidili kollha tiegħeK. Amen.

Copyright © 2015, Joanne Micallef, M.A. for the Maltese translation– All rights reserved.